MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 519/2005

**Avviz Numru 519/05 AJD**

**Double R Meats Co. Limited**

**vs**

**Christopher Farrugia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Frar 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mija tlieta u erbghin Liri Maltin sebgha u hamsin centezmi (Lm643.75), rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' laham lilu mibjugh u lilu kkonsenjat, hekk kif jirrizulta minn statement anness

ma' l-avviz. Minkejja li l-konvenut wieghed diversi drabi li kien ser jissalda d-debitu, huwa baqa' inadempjenti.

Il-konvenut ghandu jhallas ukoll l-imghax kummercjali mit-23 ta' Lulju 2001 li hija d-data ta' l-ahhar konsenja, kif ukoll l-ispejjez ta' dina l-procedura flimkien ma' dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat ikonguntivament ma' l-avviz.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija tlieta u erbghin Liri Maltin sebgha u hamsin centezmi (Lm643.75), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza u dawk tal-mandat ta' qbid pprezentat ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------